MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 166/2014

Kawza fil-lista: 18

**A B**

**vs**

**C D,**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u**

**b'digriet tas-16 ta' Settembru 2014 E B giet nominata**

**kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lill-minuri F B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici A B li jaqra kif gej:-

1. Illi r-rikorrenti u C D, m'humiex mizzewgin, u kellhom relazzjoni intima;

2. Illi minn din ir-relazzjoni, twieled F B, fil-21 ta' Dicembru 2001, u gie registrat fl-att tat-twelid, bl-isem u l-kunjom ta' F B, u kif jirrizulta mill-istess certifikat, il-missier mhux maghruf;

3. Illi il-missier bijologiku tal-minuri F B huwa l-intimat C D;

4. Illi ghalkemm l-intimat C D huwa l-missier bijologiku tal-minuri F B, l-imsemmija minuri gie registrat fic-certifikati tat-twelid bhala "unknown father";

5. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-minuri F B huwa bint C D.

2. Tordna illi c-certifikati tat-twelied ta' l-imsemmija minuri jigu ammendati, fis-sens illi jigu mnehhija l-kliem "Unknown father" mic-certikati tat-twelid tal-minuri, u minflok jitnizzel isem l-intimat C D bhala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg, referenza ghall-intimat, senjament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex haj jew mejjet, l-eta ta' l-intimat, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-intimat u li jidhru mal-atti tat-twelid citati.

3. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawk il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji sabiex l-isem u l-kunjom tal-imsemmi minuri jigi jaqra F D B.

U dana taht kull provediment li din l-Onor. Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhorn ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligljiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-prerness f'kaz li tintlaqa' l-ewwel taiba ta’ l-attur l-esponenti jistieden lill-intimat C D sabiex permezz ta’ nota jispeclflka d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri F, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta’ residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel F. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi F bin-numru tal registrazzjoni 4973 tas-sena 2001;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas tal agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Ezaminat il-provi prodotti.

Rat l-atti

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attrici xhedet bil-mezz ta' affidavit.[1] Spjegat li lill-konvenut iltaqghet mieghu f'Novembru tas-sena 2000 u bdew johorgu flimkien, Erba' xhur wara l-attrici waqfet ir-relazzjoni ta' bejniethom izda ftit wara skopriet li kienet tqila minnu. Meta l-konvenut D gie informat huwa m'accettax li t-tarbija kienet tieghu. Qalilha illi wara li jitwieled it-tiefel isir paternity test.

L-attrici spjegat li waqt it-tqala bil-minuri hija ippruvat taghmel kuntatt mal-konvenut D u ma' ommu izda dawn ma accettawx.

Tghid li wara li twieldet it-tarbija l-konvenut D baqa' ma ghamilx kuntatt maghha.

Meta t-tifel kellu seba' snin l-attrici marret id-dar tal-konvenut u kelmet lill-missier il-konvenut dwar il-minuri. Talabha ritratt tat-tifel u qalilha li kien ser ikellimha ftit jiem wara. Fil-fatt cemplilha xi granet wara u informaha illi la hu u lanqas ibnu C D ma riedu jkunu involuti fil-hajja tat-tifel.

Fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2014 il-Qorti giet informata illi l-konvenut ma kienx ser jipprezenta risposta guramentata formali ghaliex kien behsiebu jistrieh fuq ir-rizultanzi tal-prova xjentifika.

Fl-istess udjenza l-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA fuq l-attrici, il-konvenut D u l-minuri.

Fis-26 ta' Novembru 2014 Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA flimkien ma' affidavit taghha minn fejn jirrizulta illi skond it-testijiet xjentifici il-konvenut C D huwa l-missier naturali tat-tifel F B.

Ikkunsidrat.

**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:

---
[1] Fol. 13

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi*.

Permezz tal-perizja xjentifika kondotta f'din il-kawza, l-attrici resqet l-ahjar prova in sostenn tat-talbiet taghha. Gie ppruvat minghajr ebda ombra ta' dubju li l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-minuri F B.

Ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

Fir-rigward tal-kunjom li ghandu jassumi l-minuri, il-Qorti hi tal-fehma illi peress li gia' ghandu tlettax-il sena huwa ghandu jkompli jgib il-kunjom "B".

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi t-tifel minuri F B imwieled fil-21 ta' Dicembru 2001 huwa l-wild naturali tal-konvenut C D.

2. Tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf', u minflok jitnizzel bhala isem missier it-tifel, l-isem tal-konvenut C D (ID 170680M) u l-konnotati kollha tieghu.

3. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri jitnizzel li t-tarbija tkun maghrufa bil-kunjom "B".

Bl-ispejjez, inkluz is-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) mhallsa mill-attrici bhala ispejjez tad-DNA test, kontra l-konvenut C D.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------